# MONUMENTI PAWLINI F'MALTA



## 1. IL-KATIDRAL TAL-IMDINA

Skont tradizzjoni antika l-Katidral tal-Imdina nbena fuq l-istess post fejn qabel kien hemm il-Palazz ta' Publju, Prinċep ta' Malta. Il-Biżantini komplew isebbħu dan it-tempju iżda mbagħad fi żmien l-Għarab (870-1090) il-knisja sfat mitluqa u l-post sar ħerba. Mal-wasla tan-Normanni l-Katidral reġa' nbena mill-ġdid. Il-knisja kienet ta' stil Gotiku u s-saqaf kien iserraħ fuq tmien kolonni. Aktar tard il-knisja tkabbret billi nbnew il-kappelluni tal-ġnub u l-kor. Inbniet ukoll l-abside mill-arkitett Lorenzo Gafà u Mattia Preti pitter il-ġrajja tan-Nawfraġju ta' Pawlu f'Malta. Fil-11 ta' Jannar 1693 terremot qawwi ħakem lil Malta u l-Katidral iġġarraf imma b'xorti tajba, l-abside baqgħet sħiħa. L-Isqof u l-Kapitlu ddeċidew li l-parti mwaqqgħa tinbena mill-ġdid fuq pjanta ta' Lorenzo Gafà. L-ewwel ġebla tqiegħdet fil-21 ta' Mejju 1697 mill-Isqof Cocco Palmieri u ħames snin wara l-bini kien lest. Il-Katidral għandu forma ta' salib Latin u l-arkitettura hi ta' stil Barokk. Il-kwadru titulari kien impitter minn Mattia Preti u jirrappreżenta l-Konverżjoni ta' San Pawl. L-affreski fis-saqaf tal-korsija juru xeni mill-ħajja ta' San Pawl u saru fl-1794, xogħol tal-Isqallin Antonio u Vincenzo Manno. Il-koppla hi eleganti u sabiħa. Fl-1955 il-pittur Mario Caffaro Rore minn Torino, pitter fiha l-Glorja ta' San Pietru u San Pawl.

## 2. IL-KNISJA PARROKKJALI U KOLLEĠĠATA TA' SAN PAWL FIL-BELT VALLETTA

Mal-bidu tal-bini tal-Belt il-ġdida, Valletta, il-Kapitlu tal-Kadidral tal-Imdina xtara biċċa art fil-Belt Valletta fejn illum tinsab il-knisja tal-Ġiżwiti u fl-1577 bena knisja bħala parroċċa mmexxija mill-kleru djoċesan. Il-Knisja nbniet mill-arkitett Malti Ġlormu Cassar u kienet iddedikata lin-Nawfraġju ta' San Pawl. Aktar tard kienu nqalgħu xi diffikultajiet mal-parroċċa tal-Madonna ta' Portu Salvu u għalhekk fl-1605 b'Digriet Appostoliku mogħti minn Ruma, kienu stabbiliti l-limiti taż-żewġ



parroċċi. Imbagħad l-Isqof Tommaso Gargallo ddeċieda li jgħaqqad il-Knisja ta' San Pawl mal-kulleġġ tal-Ġiżwiti. Skont il-ftehim li sar il-Ġiżwiti taw lill-Kappillan ta' San Pawl biċċa art fejn illum tinsab il-Kolleġġata. Il-kappillan ta' San Pawl mill-ewwel qatagħha li jibda jibni l-knisja l-ġdida. Il-knisja kienet żgħira u sempliċi u ħadet għaxar snin biex tinbena. Fl-1639 il-bini tagħha beda jħoss u għalhekk Dun Ġann Franġisk Azzopardi li kien għadu kemm laħaq kappillan beda jiġbor il-fondi biex jinbena tempju kbir u sabiħ. Il-knisja l-ġdida damet erbgħin sena tinbena. Il-pjanta għamilha Bartolomeo Garagona filwaqt li d-disinn tal-kappelluni sar minn Francesco Sammut. Il-koppla hi xogħol ta' Lorenzo Gafà. Fl-1733 bil-Breve tal-Papa Klement XII il-knisja għoliet għad-dinjità ta' Kolleġġata. Il-faċċata reġgħet inbniet fl-1885 fuq disinn tal-Prof. Nicola Zammit mis-Siġġiewi. Fost l-opri artistiċi li nsibu f'din il-knisja, l-aktar għażiża hija r-relikwa tad-driegħ ta' San Pawl mogħtija fl-1823 minn Vincenzo Aloisio Bonavia. Il-kwadru titulari huwa tal-ewwel knisja u jirrappreżenta n-Nawfraġju ta' San Pawl f'Malta, xogħol ta' Matteo Perez d'Aleccio. L-istatwa artistika tal-qaddis li naqax fl-injam Melchiorre Gafà u li saret f'Ruma, ħallset għaliha l-familja Testaferrata.



## 3. IL-KNISJA PARROKKJALI U KOLLEĠĠATA TA' SAN PAWL FIR-RABAT

Il-Knisja ta' San Pawl fir-Rabat inbniet bi spejjeż tas-Sinjura Gusmana Navarra. Ix-xogħol beda fis-sena 1653 fuq pjanta tal-arkitett Taljan Bonamico. Aktar tard Lorenzo Gafà ħa ħsieb il-bini tal-koppla, tal-faċċata u ta' wieħed mill-kappelluni. Il-knisja kkonsagraha l-Isqof Gori Mancini fil-21 ta' Settembru 1726. L-arkitettura tagħha hi ta' ordni Doriku u l-knisja għandha għamla ta' salib Latin. Il-kwadru titulari juri n-Nawfraġju ta' San Pawl, xogħol ta' Stefano Erardi. L-istatwa titulari li toħroġ fil-festa saret fl-1774 u hi xogħol fl-injam ta' Ġanni Caruana. Fl-1990 il-Papa Ġwann Pawl II żar din il-knisja u talab fiha.

## 4. IL-GĦAR TA' SAN PAWL FIR-RABAT

Skont tradizzjoni antika f'dan il-għar San Pawl kien miżmum priġunier waqt it-tliet xhur li għadda f'Malta. Fis-sena 1536, Jean Quintinus fl-eqdem deskrizzjoni ta' Malta jgħid li fil-Għar ta' San Pawl kien hemm żewġ altari. L-akbar benefattur tal-għar kien Juan Beneguas, nobbli Spanjol minn Cordova li kien jgħix fih. Minn flusu bena l-Knisja ta' San Publju li tinsab fuq l-għar u bena wkoll dar għall-kleru. Aktar tard ċeda kollox lill-Ordni ta' San Ġwann. Il-Gran Mastru Wignacourt waqqaf fil-post kolleġġata Ġerosolmitana u Juan Beneguas inħatar l-ewwel Rettur. Il-kavalieri komplew kabbru u sebbħu l-post. Fil-kripta hemm statwa tal-irħam ta' San Pawl mogħtija mill-Gran Mastru Pinto. Il-ġebla tal-għar dejjem ingħatat devozzjoni speċjali. Fiċ-Ċentinarju ta' San Pawl tal-1960, il-għar kien iċ-ċentru ta' bosta pellegrinaġġi u fl-1990 il-Papa Ġwann Pawlu II, żar dan il-post Pawlin. Dan l-aħħar il-għar kiseb importanza akbar minħabba l-ftuħ mill-ġdid tal-katakombi paleokristjani marbutin miegħu.



## 5. IS-SANTWARJU TAN-NAWFRAĠJU TA' SAN PAWL (TAL-ĦĠEJJEĠ) F'SAN PAWL IL-BAĦAR

Il-Knisja tan-Nawfraġju ta' San Pawl hi waħda mill-eqdem knejjes ta' Malta, mibnija biex turi l-post fejn San Pawl u dawk li ħelsu mill-għarqa kienu milqugħin mill-Maltin. Fi żmien l-Għarab il-Knisja sfat mitluqa, imbagħad fis-seklu ħdax in-Normani bnewha mill-ġdid. Il-knisja tan-Nawfraġju kienet dejjem miżmuma b'qima kbira mill-Maltin imma billi kienet 'il bogħod mill-Belt kemm-il darba sfat imġarrfa mill-furbani u l-Mori li kienu jinżlu l-art u jagħmlu ħerba. Fost il-benefatturi nsibu l-familji de Nava u Mazzara li kienu rrestawraw il-knisja. Fis-seklu erbatax reġgħet inbniet mill-ġdid minn żewġ benefatturi Spanjoli, Desguanez u Bordino, li ħallew l-armi tal-familji tagħhom mal-faċċata. Fis-sena 1442, Bernardo Janer, dekan tal-kapitlu tal-Katidral tal-Imdina, reġa' bnieha mill-ġdid u ħallielha ħafna benefiċċji



biex ikun hemm min jieħu ħsiebha. Imbagħad fis-sena 1615 il-Gran Mastru Alof de Wignacourt reġa' bnieha akbar milli kienet u bi tliet arkati fuq kull naħa. Fit-3 ta' Mejju 1617 is-Santwarju tan-Nawfraġju ta' San Pawl kien imbierek mill-Isqof Baldassar Cagliares meta kien qed jagħmel iż-Żjara Pastorali. L-Isqof ordna li jinbena ħajt madwar iċ-ċimiterju tal-knisja u jitqiegħed salib fejn kienu nstabu ħafna oqbra Nsara. Fil-11 ta' Jannar 1623, permezz ta' Bolla tal-Papa Pawlu V, is-Santwarju beda jieħu ħsiebu l-Kulleġġ tal-Għar ta' San Pawl tar-Rabat. Is-Santwarju ġġarraf fl-10 ta' Marzu 1942 meta ntefgħet bomba minn ajruplan tal-għadu. B'xorti tajba t-tliet kwadri antiki tal-miraklu tal-lifgħa, il-fejqan ta' missier Publju u San Pawl jiltaqa' mal-Maltin, xogħol il-pittur Cassarino, ma ġralhom xejn. Il-knisja reġgħet inbniet fuq il-pjanta ta' qabel fis-sena 1950 u tbierket mill-Arċisqof Mikiel Gonzi, fis-7 ta' Frar 1956, waqt iż-Zjara Pastorali fil-Parroċċa ta' San Pawl il-Baħar.

## 6. IL-KNISJA TA' SAN PAWL MILQI F'BURMARRAD

Din il-knisja hi marbuta mal-post fejn skont it-tradizzjoni Publju, li kien l-Ewwel Ċittadin tal-gżejjer Maltin (*Protos*), laqa' u ta kenn lil San Pawl u 'l sħabu. Hawn instabu ħafna fdalijiet tal-ewwel żmien ta' Malta Nisranija. Mir-rapport ta' Mons. Dusina jidher li din il-Kappella kienet miqjuma ħafna. Fiha kienu jsiru żewġ festi f'ġieħ San Pawl. Waħda kienet tfakkar il-konverżjoni tal-appostlu u l-oħra kienet tfakkar il-miġja tiegħu fostna. Din il-knisja tissemma mill-Isqof Senatore de Mello fl-1436, fejn jingħad li hi ta' fondazzjoni antika. Il-knisja preżenti nbniet fil-bidu tas-seklu sbatax filwaqt li jidhru l-fdalijiet ta' żewġ knejjes oħra. Lejn nofs is-seklu dsatax il-knisja kienet irrestawrata u tqiegħed kwadru titulari ġdid li juri xena mill-ħajja ta' San Pawl. Fis-sena 1964 il-"Commissione Archeologica Italiana" għamlet tiftix kbir. Inkixef kumpless ta' bini li jikkonsisti f'villa tal-kampanja, kmamar għall-ħaddiema u impjant kbir għall-għasir taż-żebbuġ u l-għeneb. Huma qalu li dan il-kumpless inbena xi ħamsin sena qabel Kristu, fi żmien Silla u Ċiċerun. Instabu wkoll żewġ ġebliet taħt wieħed mill-bibien tal-knisja b'simboli Nsara u l-isem *Paulus* minqux fuqhom. Il-post dam jintuża sal-miġja tal-Għarab. Il-bieb tal-knisja llum jinsab tliet metri 'l fuq minn fejn kixfu.





## 7. GĦAJN RASUL F'SAN PAWL IL-BAĦAR

L-isem hu antik ħafna u jfisser il-Għajn tal-Appostlu. Din in-nixxiegħa tinsab San Pawl il-Baħar fi Triq il-Kbira, in-naħa tal-Veċċa. Fis-sena 1727, fi żmien il-Gran Mastru Manoel De Vilhena, kienet saret in-niċċa bi statwa ta' San Pawl qed jipprietka. Għalhekk in-niċċa ġġib l-arma ta' dan il-Gran Mastru. Hemm ukoll skrizzjoni bil-Latin li maqluba għall-malti tgħid: "Taħt dan l-irdum maġenb il-baħar tnixxi għajn żgħira ta' ilma safi. Int li għaddej qim din in-nixxiegħa, għax dan l-ilma tahulek Pawlu li hawn ħeles mill-għarqa.



## 8. IL-GŻEJJER TA' SELMUN MAGĦRUFIN BĦALA TA' SAN PAWL

Hi gżira waħda f'tarf il-qala ta' San Pawl il-Baħar, li parti minnha hi baxxa ħafna, kważi livell mal-baħar u jidher li donnu hemm żewġ gżejjer. Fl-antik kienu magħrufa bħala l-Gżejjer ta' Selmun. Iżda fis-sena 1843 l-isem intrabat mal-miġja tal-Appostlu tal-Ġnus f'Malta. Il-Maltin b'sens ta' gratitudni u devozzjoni riedu jwaqqfu statwa ta' San Pawl fuq il-gżejjer. Il-promotur tal-istatwa kien Salvu Borg li waqqaf kumitat fuq bażi nazzjonali biex jiġbor il-fondi. Il-Maltin kienu ġenerużi u l-ispejjeż inġabru fi żmien qasir. L-istatwa nħadmet fil-ġebel qawwi, xogħol ta' Ġismondu Dimech mill-Belt u Salvu Dimech minn Ħal Lija. Il-monument hu għoli ftit aktar minn tnax-il metru. Fuq il-pedestall hemm skrizzjoni bil-Latin magħmula minn Dun Ġużepp Zammit (Brighella). L-istatwa kienet inawgurata u mbierka fil-21 ta' Settembru 1845. Fil-Festi Ċentinarji tan-Nawfraġju tal-1960 sar pellegrinaġġ nazzjonali għal fuq il-Gżejjer ta' San Pawl. Il-Kardinal Luigi Traglia kien qaddes quddiesa solenni tal-okkazzjoni u Patri Serafin Galea OFMConv, Kappillan ta' San Pawl il-Baħar, qara s-silta tan-



Nawfraġju mill-Atti tal-Appostli. F'Mejju 1990, il-Papa Ġwann Pawlu II, żar il-Bajja tan-Nawfraġju u minn fuq lanċa segwa t-tqegħid ta' statwa ta' Ġesù Kristu f'qiegħ il-baħar qrib il-Gżejjer ta' San Pawl. Iż-żona hi riserva naturali u għalhekk hi żona li ilha protetta sa mis-sena 1993.

## 9. IL-BLATIET TAL-GĦAŻŻENIN F'SAN PAWL IL-BAĦAR

Il-Blatiet jiffurmaw il-Qala tal-Għeżżenin fil-Bajja ta' San Pawl il-Baħar. Id-daħla għandha ramla ċkejkna u tħares bejn it-Tramuntana u l-Grigal. Skont it-tradizzjoni, San Pawl ra n-Nawfraġju f'din id-daħla u l-ġifen weħel u tfarrak ma' dawn il-blatiet. San Luqa fl-Atti tal-Appostli kiteb li "lemħu bajja bi xtajta fiha, u qatgħuha li, jekk jistgħu, jitfgħu l-ġifen fuqha. L-awtur iżid jgħid: "Iżda ħbatna ma' sikka bejn żewġ ibħra." Dan hu l-famuż "topon dithalasson" li Saydon qaleb tajjeb mill-Grieg għall-Malti: "sikka bejn żewġ ibħra." Dawn l-iskolji huma msejħin "thalassaneyn" (żewġ ibħra) jew "tal-Għażżenin" kif nafuhom illum.

## 10. IL-KNISJA PARROKKJALI TAL-KONVERŻJONI TA' SAN PAWL F'ĦAL SAFI

Fl-imgħoddi Ħal Safi kellu knisja żgħira ddedikata lil San Pawl u kien jagħmel mal-parroċċa ta' Bir Miftuħ. Fl-1598, wara talba li saret lill-isqof Tommaso Gargallo, Ħal Safi nqata' minn Ħal Kirkop u sar parroċċa għalih. Il-Knisja li naraw illum saret bit-tħabrik tal-Kappillan Dun Ġużepp Caruana. Bdiet tinbena fl-1727 fuq pjanta tal-arkitett Ġanni Zammit, u kienet ikkonsagrata fl-10 ta' Ottubru 1784 mill-isqof Vincenzo Labini. Il-knisja nbniet b'ordni Doriku u fiha koppla u żewġ kampnari. Il-kwadru ewlieni juri l-Konverżjoni ta' San Pawl u hu xogħol ta' Stefano Erardi. L-istatwa titulari ħadimha l-iskultur Xandru Farrugia miż-Żejtun.

## 11. IL-KNISJA PARROKKJALI TAN-NAWFRAĠJU TA' SAN PAWL FIL-MUNXAR, GĦAWDEX

Fl-antik, fil-Munxar fl-inħawi ta' Marżiena, kienet inbniet kappella żgħira ddedikata lil San Pawl. In-nies tal-post kienu marbuta mal-parroċċa ta' Sannat li kienet kemmxejn 'il bogħod.



Għalhekk beda jinħass il-bżonn ta' knisja ġdida għalihom. Fit-22 ta' Marzu 1916 tqiegħdet u tbierket l-ewwel ġebla fuq art mogħtija mill-aħwa Cassar. Ħa l-inkarigu tax-xogħol l-Imgħallem Wiġi Vella. Meta l-knisja tlestiet kienet iddedikata lin-Nawfraġju ta' San Pawl u fl-1925 kienet ikkonsagrata mill-Isqof Mikiel Gonzi. Il-kwadru titulari hu xogħol ta' Robert Caruana, filwaqt li l-istatwa titulari saret minn Wistin Camilleri. Il-Munxar sar parroċċa fit-12 ta' Diċembru 1957 u Dun Alan Fenech kien l-ewwel kappillan.



## 12. IL-PRO-KATIDRAL ANGLIKAN TA' SAN PAWL FIL-BELT VALLETTA



Il-Pro-Katidral tal-Anglikani fil-Belt Valletta hu ddedikat lil San Pawl u jagħmel sehem mid-djoċesi ta' Ġibiltà. L-ewwel ġebla tqiegħdet mir-Reġina Adelaide, fl-20 ta' Marzu 1839, li ħallset il-parti l-kbira tal-ispejjeż. Il-pjanta saret fl-Ingilterra u għamilha l-Arkitett Richard Lankesheer. Il-Knisja nbniet fejn qabel kien hemm il-Berġa tal-Ġermanja. Għal xi żmien il-bini waqaf minħabba diffikultajiet kbar fix-xogħol. Imbagħad il-knisja tlestiet fl-1844 mill-arkitett William Scamp u fl-1 ta' Novembru kienet ikkonsagrata mill-Isqof Anglikan ta' Ġibiltà, ir-Reverendu George Tomlinson. L-arkitettura hi mibnija fuq ordni Joniku. Il-kampnar inbena fuq stil Ingliż bil-parti ta' fuq ġejja għall-ponta. Hu maqtugħ mill-knisja u fih sitt qniepen. Il-kor sar mill-injam tal-ballut u fuq il-panewijiet hemm imniżżla l-ismijiet tar-reġimenti li kienu stazzjonati f'Malti fl-aħħar Gwerra (1939-45).

***P. Arthur Joseph Saliba***